

Gilles Pargneaux u s-Summit tan-NU dwar il-Klima: "summit biex niddeċiedu"

Qed jogħlew it-temperaturi, jinħall is-silġ, u n-nixfiet u l-għargħar qed isiru dejjem aktar spissi – ilkoll sinjali li t-tibdil fil-klima hu theddida reali. F'Diċembru se jsir tentattiv biex jintlaħaq ftehim ġdid dwar il-klima waqt summit speċjali tan-NU f'Pariġi. Nhar l-Erbgħa l-Kumitat ENVI adotta rapport bil-miri tal-PE għal dawn in-negozjati. Wara l-vot, ir-rapporteur Gilles Pargneaux (S&D, FR) tkellem magħna dwar l-objettivi stabbiliti. Il-vot fil-plenarja hu ppjanat għall-14 ta' Ottubru.

Ir-rapport jissuġġerixxi li l-Parlament jipproponi tnaqqis ta' 40% fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sal-2030. Kif se tikkonvinċi li ċi-Ċina, lill-Istati Uniti u, naturalment, lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jaċċettaw din il-mira ambizzju?

Huwa proċess ta' negozjar. Dalgħodu r-rapport tiegħi ġie adottat mill-Kumitat ENVI, u l-plenarja se tivvota dwaru fl-14 ta' Ottubru. Din hija l-pożizzjoni ufficjalji tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament se jkun preżenti waqt il-COP21 f'Pariġi. Ladarba jkollna l-pożizzjoni tagħna – pożizzjoni aktar ambizzju minn dik ta' pajjiżi oħrajin, bħaċ-Ċina – l-objettiv tagħna jkun li nikkonvinċu. Se nkunu delegazzjoni ufficjalji, u se nkunu fkuntatt ma' pajjiżi terzi fil-COP21 – summit internazzjonali – mhux biss biex niddiskutu, iżda biex niddeċiedu.

Ir-rapport tiegħek jappella għal sorsi addizzjonali ta' finanzjament għall-klima favur sforzi akbar għat-tħalli tnaqqis tal-gassijiet serra u l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Minn fejn se jiġi l-flus għal dawn il-miżuri?

Għandna bżonn pakkett finanzjarju kredibbi, u għalhekk qed niproponu pjani direzzjonali biex il-Fond Ekoloġiku għall-Klima jingħata \$ 100 biljun kull sena, li jippermett il-naqib u ngħinu lill-aktar pajjiżi vulnerabbli li m'għandhomx il-meżżi biex jiġi jiddu kontra t-tibdil fil-klima.

Il-Fond ikun jikkonsisti f'kontribuzzjoni min-naħħa tal-Istati. Ir-rapport jipproponi wkoll għadd ta' riċetti innovattivi għall-alimentazzjoni tal-Fond, b'rabta, pereżempju, mal-enerġiji l-ġoddha. M'hemmx dubju li l-pakkett finanzjarju se jkun il-pedament tal-ftehim ta' Pariġi. Jekk ma jirnexx il-niħqu ftehim dwar il-Fond Ekoloġiku u dwar kif se nippovdu, naħseb li, sfortunatament, nispiċċaw jew b'nuqqas ta' ftehim jew b'nofs falliment.

Xi rwol se jkollu l-Parlament Ewropew fin-negojati tal-COP21?

Nemmnu li l-Parlament Ewropew għandu jkun fuq quddiem nett biex il-COP21 tirnexxi, għaliex din hija l-battalja tas-seklu. Jekk ma jsir xejn, se jkollna żieda ta' aktar minn 2 gradi fit-temperatura globali medja. Se naraw diżastri naturali u l-kriżijiet alimentari se jimmultiplikaw. Jekk ma jsir xejn, l-eserti jgħidu li fid-din ja kollha nistgħu nistennew kważi 200 miljun rifuġjat minħabba l-klima.

Għal aktar informazzjoni

[Gilles Pargneaux \(S&D, FR\)](#)

[Aktar mill-PE dwar it-Tibdil fil-Klima](#)

[Filmat – It-tibdil tal-klima: din it-tendenza tista' tiddawwar?](#)

[Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel](#)

[Tappi fil-proċedura](#)





Gilles Pargneaux